MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 152/1993/1

**Citazzjoni numru 152/1993**

**John Bezzina**

**-vs-**

**Maria mart l-istess John Bezzina**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur fejn wara li ppremetta:

Illi l-kontendenti zzewgu lil xulxin fid-dsatax ta' Lulju ta' l-elf disa' mija u hamsa u sebghin (19.07.1975) u miz-zwieg taghhom kellhom erbat itfal cioe' Annamarie ta' sbatax (17)-il sena, Amanda ta' ghaxar (10) snin, Fiona ta' seba' (7) snin u Melanie ta' erba' (4) snin.

Illi permezz ta’ kuntratt tat-tnejn u ghoxrin ta’ Jannar ta’ l-elf disa’ mija u tnejn u disghin (22.01.1992) huma xoljew il-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejniethom u rregolaw il-jeddijiet rispettivi fuq il-proprjeta’ li kienet tifforma parti minnha fosthom hallew il-mobbli in komun bejniethom.

Illi minkejja diversi tentattivi, il-hajja konjugali ta’ bejniethom m’ ghadhiex iktar possibbli partikolarment billi l-konvenuta rrendiet ruhha hatja fil-konfront ta’ l-attur ta’ sevizzi, mohqrija, ingurji, theddid u glied.

Illi ghalhekk hemm lok ghall-prununzjament tas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti.

Illi b’digriet moghti minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha bhala Qorti ta’ Gurisdizzjoni Volontarja, fit-tmienja u ghoxrin ta’ Settembru ta’ l-elf disa’ mija u tlieta u disghin (28.IX.1993) l-attur gie awtorizzat sabiex jipprocedi b’din il-kawza.

Talab ghaliex m’ghandhiex il-Qorti:

1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, u dan ghar-ragunijiet fuq imsemmija u ghar-ragunijiet l-ohra kollha li ser jirrizultaw fil-kors tal-kawza.

2. Konsegwentement, tiddikjara li l-konvenuta ddekadiet mid-drittijiet taghha kif kontemplat fl-artikolu tmienja u erbghin sa wiehed u hamsin tal-Kodici Civili (Kap sittax tal-Ligijiet ta’ Malta);

3. Tiffissa u tistabilixxi l-assi kollha li l-partijiet jippossjedu in komun bejniethom inkluz ghalhekk in-negozju ta’ dulciera li l-partijiet ghandhom in komun bejniethom.

4. Tordna lill-konvenuta taghti kont ta’ l-amministrazzjoni u l-gestjoni minnha ta’ l-assi in komun partikolarment tan-negozju ta’ bejniethom.

5. Tillikwida n-negozju ezistenti bejn il-kontendenti.

6. Taqsam dawn il-beni inkluz il-profitti tan-negozju f'zewg porzjonijiet ugwali li ghandhom jigu assenjati wahda kull wiehed lill-kontendenti.

7. Tordna li l-kustodja ta' l-uliedhom fuq imsemmija tigi fdata lill-attur.

8. Tiffissa l-manteniment pagabbli lill-attur u lil uliedhom u tikkundannaha sabiex thallas l-istess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri quddiem din il-Qorti fil-kompetenza taghha bhala Qorti ta' Gurisidzzjoni Volontarja u bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur kompriz il-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li eccepiet:

1. illi ghalkemm huwa possibbli illi z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser u tfarrak irrimedjabilment, dan ma sarx b'tort jew htija tal-konvenuta izda biss minhabba adulterju da parti ta' l-attur u minhabba ingurji gravi u htijiet ohra da parti ta' l-attur, fosthom swat, minaccji, insulti u theddid;

2. illi fil-fatt kien l-istess attur illi minghajr l-ebda gustifikazzjoni u raguni fil-5 ta' Settembru tas-sena korrenti qabad u kecca lil martu u lil uliedu mid-dar matrimonjali billi bidel is-serratura;

3. illi ghaldaqstant ghalkemm ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, dana ghandu jkun ghar-ragunijiet imputabbli ghall-istess attur u mhux vice versa.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat l-att rikonvenjzonali tal-konvenuta fejn ippremettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu lil xulxin fid-19 ta’ Lulju tas-sena elf disa’ mija u hamsa u sebghin (1975) u miz-zwieg taghhom kellhom erbat itfal cioe’ Annamaria, Amanda, Fiona, u Melanie ahwa minuri Bezzina;

Illi l-attur irrenda ruhu hati fil-konfront taghha ta’ adulterju, eccessi, swat, minacci u ingurji u htijiet ohra gravi b’tali mod u manjera illi rrenda l-hajja komuni u konvivenza impossibbli;

Illi l-konvenuta kemm-il darba hafret attur tan-nuqqasijiet gravi tieghu, tant illi anke darba minnhom sabiex tipprova issalva z-zwieg taghha, hija accettat li tissepara biss il-proprjeta’ taghha minn dik ta’ zewgha, l-attur odjern u fil-fatt kien gie redatt il-kuntratt tat-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Jannar 1992 (atti Nutar Paul George Pisani);

Illi dana nonostante, l-attur baqa’ ghaddej b’dawna n-nuqqasijiet u htijiet tieghu li spiccaw biex fil-hamsa (5) ta’ Settembru tas-sena korrenti l-attur biddel is-serraturi tad-dar u tal-garage fejn hija kienet tahdem bhala dolciera u l-istess konvenuta giet kostretta li tmur tghix ghal rasha ma’ uliedha go dar Marsalforn u kellha tkun kostretta ukoll illi taghmel djun ma’ bank lokali sabiex tiftah bhala dolciera ghal rasha u b’hekk tkompli tghejjex il-familja taghha.

Talbet ghaliex m’ghandhiex il-Qorti:

1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba adulterju, eccessi, swat, mohqrija, sevizzi, ingurji gravi u htijiet ohra da parti (ta’ l-attur rikonvenzjonat), kif ukoll minhabba abbandun da parti (ta’ l-istess) illi rrendenw impossibbli l-hajja ta’ bejniethom.

2. Tordna l-kura u l-kustodja ta’ l-erbat itfal minuri hawn fuq imsemmija tigi fdata f’idejn il-konvenuta taht dawk il-kundizzjonijiet illi din l-Qorti tiddikjara fl-ahjar interess ta’ l-istess tfal.

3. Tapplika d-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 48, 50 u 55 tal-Kodici Civili kontra (l-attur rikonvenzjonat) u tiddikjara illi ddekada mid-drittijiet kollha hemm komminati.

Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenzjonat u bl-ingunzjoni li ghaliha minn issa huwa imharrek.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuta flimkien mal-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur ghall-kontro talba fejn eccepixxa:

1. illi d-domandi tal-konvenuta in kwantu dawn huma bbazati fuq ir-responsabilita’ ghas-separazzjoni da parti ta’ l-attur huma infondati fid-dritt u fil-fatt.
2. Illi inoltre t-talba tal-konvenuta ghall-applikazzjonijiet tal-pieni pekunjarji fl-Artikolu 48, 50 u 55 tal-Kodici Civili ma taghmilx sens u ghandha tigi michuda billi bejn il-partijiet ma hemmx il-komunjoni ta’ l-akkwisti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa ma’ l-istess u l-lista tax-xhieda.

Rat, mill-Qorti diversament preseduta, id-digriet li bih gie nominat l-Avukat J. Micallef Stafrace (folio 28), it-talba ta’ l-istess biex jigi ezonerat (folio 64), id-digriet li ssostitwih bl-Avukat Marco Grixti (folio 65), it-talba ta’ l-imsemmi Avukat Grixti biex jigi sostitwit (folio 76), in-nota konguntiva biex jigi nominat Dr J. M. Ciappara (folio 96) u d-digriet tan-nomina ta’ Dr J. M. Ciappara (folio 102) li minhabba l-mewt tieghu gie sostitwit mill-avukat Paul Gauci Maistre.

Rat ir-relazzjoni ta’ l-istess avukat Paul Gauci Maistre prezentata fit-23 ta’ Mejju 2002 (folio 191);

Rat in-noti ta’ osservazzjonijet prezentati mill-kontendenti;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Din hija kawza li tittratta separazzjoni “a mensa et thoro” li giet inizjata mill-attur li ghaliha aderiet il-konvenuta b’kontro talba.  Il-provi in atti fil-fatt ftit ihallu dubbju li z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment u principalment minhabba tortijiet li jistghu jigu attribwiti lill-attur.

Fil-kaz in dizamine pero’ il-punt kardinali li ghandu jigi deciz qabel kollox hu l-import tal-kuntratt li l-partijiet ikkontrattaw bejniethom li sar fit-22 ta’ Jannar 1992 in atti Nutar Dottor Paul George Pisani u li permezz tieghu huma xoljew, itterminaw u illikwidaw il-komunjoni ta’ l-akkwisti naxxenti miz-zwieg taghhom li ssuccieda fid-19 ta’ Lulju 1975.  Ikun utili ghalhekk f’dan l-istadju li jinghad li l-partijiet kienu jmexxu bejniethom negozju ta’ dolcerija, inizjalment bhala impjegati fl-istess generu ta’ negozju gestit mill-genituri ta’ l-attur u sussegwentement bejniethom.  M’hemmx dubbju li inizjalment, anke kif jistqarr l-attur, in-negozju kellu l-fonti principali tieghu mill-forn numru 7, Triq Monsinjur Luigi Vella, Victoria, li l-attur kien beda jiggestixxi flimkien ma’ martu f’xi zmien fl-1982 wara l-mewt ta’ missieru supplimentat b’hanut zghir numru 19, Triq San Guzepp gewwa Victoria, gia ukoll proprjeta’ tal-genituri ta’ l-attur.  Fl-1985 in-negozju espanda bl-akkwizizzjoni tal-fond numru 16, Triq Putirjal, ukoll fil-Victoria, b’dan allura li minn hawn sa meta l-partijiet xoljew il-komunjoni ta’ l-akkwisti bejniethom bdew imexxu n-negozju ta’ dolcerija minn tliet fondi, dak fi Triq Monsijur Vella, li baqa’ l-fonti ta’ produzzjoni u z-zewg hwienet minn fejn kien jigi supplimentat il-bejgh.

Illi kif intqal fl-1992 il-partijiet xoljew il-komunjoni ta’ l-akkwisti bejniethom, izda mhux biss billi jirrizulta li minn hawn ‘il quddiem bdew ukoll imexxu separatament u distintament bejniethom in-negozju ta’ dulciera.  Fil-fatt jirrizulta li waqt li l-attur kompla l-attivita mill-forn u l-hanut f’Triq San Guzepp sussegwentement supplimentat b’hanut f’Marsalforn, il-konvenuta bdiet tmexxi ghaliha l-attivita ta’ dulciera mill-fond ta’ Triq Putirjal.

Illi l-punt in kontroversja, li jikkoncerna dan in-negozju ta’ dolcerija jikkonsisti bazikament filli l-partijiet m’humiex

jaqblu dwar jekk in-negozju li kien gestit bejniethom qabel ma giet xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti baqax komuni jew le. L-attur isostni li dan baqa' komuni u ghalhekk ghandu kull jedd jippercepixxi n-nofs. Il-konvenuta tippretendi li dan huwa taghha kollu almenu sakemm marbut mal-fond ta' Putirjal. Kif ben tajjeb allura issottolinja l-perit legali (folio 239) il-punt in kontenzjoni jirriverti dwar it-tifsira li ghandha tinghata lill-kelma "dolcerija" jew ahjar x'inhu kompriz fil-kelma "dolcerija" fil-kuntest tal-kuntratt li wassal ghax-xoljiment tal-komunjoni u dan kemm fid-dawl tat-tezi ta' l-attur dwar li dan in-negozju jikkomprendi:

a. in-negozju ta' dolcerija in generali ezistenti sad-data tax-xoljiment tal-komunjoni;

b. l-attrezzi kollha tal-hanut numru 16, Triq Putirjal, Victoria, Ghawdex sew dawk mobbli u kemm immobbli;

c. l-attrezzi kollha ezistenti fil-forn 7, Triq Monsinjur Luigi Vella, Victoria, Ghawdex ad eccezzjoni ta' dik mixtrija wara s-separazzjoni jew li jappartjenu lill-eredita' tal-genitur;

d. il-qliegh kollu naxxenti mill-gestjoni ta' l-istess negozju;

e. l-assi l-ohra kollha formanti parti mill-istess negozju;

u kemm fid-dawl tat-tezi tal-konvenuta li l-kliem "negozju ta' dolcerija" fil-kuntratt ifissru unikament ix-xoghol li kien isir fil-forn numru 7, Triq Mons. Luigi Vella, Victoria, Ghawdex.

Illi ghalhekk il-problematika sollevata tirriverti esklussivament fuq l-interpretazzjoni ta' dan il-kliem fil-kuntratt.

Illi l-Kodici Civili jinkludi ghaxar artikoli (minn 1002 sa 1011) li l-gurisprudenza (fost hafna sentenzi ohra dik tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet "Onor. Edgar Cuschieri vs Perit

Gustavo R. Vincenti deciza fit-13 ta' Frar 1950) u l-awturi (per ezempju l-Giorgi fit-trattat tieghu "obbligazioni voce "Interpretazione dei Contratti" Vol IV) jikkunsidraw pjuttost bhala direttivi gwida milli normi assoluti. Fis-sentenza precitata l-Qorti ta' l-Appell sostniet il-punt li l-menzjonati regoli "Ghandhom jigu segwiti skond ic-cirkustanzi; u principalment il-principju illi meta t-termini tal-kutnratt huma oskuri jrid jigi kkunsidrat dak li l-partijiet kontraenti riedu. U jekk il-volonta taghhom tista' tigi interpetata per mezz ta' xi uzu ta' l-istess partijiet jew tal-lokalita fejn huma jghammru u ordinarjament imexxu x-xoghol taghhom, jew b'xi mezzi ohra, huwa konvenjenti li jigi segwit dak li hu l-aktar verosimili skond dawk il-veduti anzi que wiehed jattjeni ruhu ghas-sens letterali tal-kliem" li jattalja ma' dak li jghid il-Giorgi li "Quando le parti contraenti abbiano eseguita una convenzione, il modo con qui l'hanno attuata chiarisce la loro volonta e se l'hanno eseguita in parte o per qualche tempo, la convenzione deve eseguirsi nel modo medesimo anche nel rimanente e per l'avvenire - talis enim praesumitur praecessisse titulus, quails apparet usus et possessio" (ibid).

Illi huma normi ben stabbilit li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fede (Artikolu 993 tal-Kodici Civili) u li ghall-fini ta' interpretazzjoni ghandhom jittiehdu l-pattijiet ta' dak il-kuntratt mehudin kollha flimkien (Artikolu 1012 idem). Issa l-kuntratt in dizamine gie kontrattat ghar-raguni li l-partijiet xtaqu "ixolju u jitterminaw" il-komunjoni ta' l-akkwisti u "Jillikwidaw l-assi kontenuti fl-istess komunjoni" li jfisser li l-fini kien ix-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni. Ghal dan il-ghan fil-kuntratt elenkaw kemm l-immobli u kemm il-mobbli ezistenti u formanti parti l-komunjoni. Ftehmu li l-immobbli jigu konsegwiti mill-konvenuta in pjena proprjeta'. Dwar l-assi mobbiljari qalu li : "jikkomprendu diversi makkinarji ghall-uzu tan-negozju ta' dolcerija gestit minnhom, stock u merkanzija intiza ghall-istess negozju, il-gestjoni ta' l-istess negozju ta' dolcerija, vetturi u kreditu spettanti lill-komunjoni ghall-benefikati maghmula minnhom matul iz-zwieg fi proprjeta' illi hija in parti parafernali ta' John Bezzina (l-attur), in parti ta' hutu u in parti ta' ommu, flus kontanti u krediti u depositi bankarji...." u ftehmu li "kull

kreditu spettanti lill-kontraenti kontra l-familjari ta' l-istess John Bezzina ghall-kwalsiasi benefikati maghmula minnhom fil-proprjeta' in parti provenjenti mill-wirt ta' Emidio Bezzina u in parti proprjeta' ta' Marianne Bezzina u in parti proprjeta' ta' Marianne Bezzina, kif ukoll il-vetturi li gejjin u cioe' Truck Isuzu numru tar-registrazzjoni C-5147M u karozza Mazda tal-marka 323F numru ta' registrazzjoni V-2815M ghandhom u qeghdin bis-sahha tal-presenti jigu assenjati lil John Bezzina". Fir-rigward l-assi mobbiljari l-ohra kollha ftehmu li "ghandhom jibqghu indivizi u fi kwoti ugwali bejn il-partijiet".

Illi minn dak li nghad ghandu ghalhekk logikament isegwi li d-diversi makkinarji ghall-uzu tan-negozju ta' dolcerija gestit minnhom, stock u makkinarju intiza ghall-istess negozju, il-gestjoni ta' l-istess negozju ta' dolcerija ... flus kontanti u krediti u depositi bankarji kif ukoll d-debitu lejn terzi persuni ghall-hlas ta' bilanc ta' prezz fuq il-mahzen u bini tal-plot numru 41 fil-lokalita' imsejha "Tal-Far" gewwa Victoria, suppost baqghu in komuni tant li l-klawsola erbgha pprovdiet illi "d-debiti kollha dovuti minnhom in linea tal-gestjoni tan-negozju ta' dolcerija bejniethom ghandhom ikunu dovuti minnhom fi kwoti ugwali u indivizi bejniethom u illi jekk ghas-sodisfazzjon ta' dawn id-debiti ma jkunux sufficjenti l-assi mobbiljari bejniethom allura jaghmlu tajjeb ukoll l-assi immobbiljari assenjati aktar 'il quddiem lil Mary Bezzina" (il-konvenuta).

Illi fir-realta anke fuq l-iskorta tal-paragrafu sitta tal-kuntratt li gara hu li fil-waqt li l-konvenuta hadet it-treggija u l-amminsitrazzjoni flimkien mal-frottijiet kollha tal-hanut numru 16, Triq Putirjal, flimkien mal-fond fil-kantuniera bejn Triq Fortunato Mizzi u Triq Karlu Galea u l-plot numru 41, l-attur ha t-tregija, l-amministrazzjoni flimkien mal-frottijiet ta' l-assi l-ohra kollha, kif ukoll ta' dawk l-assi li baqghu komuni bejniethom li taghhom ha l-affidament taghhom anke jekk biss sakemm ma tkunx pronunzjata jew kuntattata s-separazzjoni bejniethom jew ma jkunx hemm xi ordni f'sens kuntrarju minn Qorti kompetenti. U hekk gara fil-fatt tant li din il-posizzjoni tidher li baqghet tigi applikata sa mill-iffirmar tal-kuntratt. Ta' bil-haqq il-konvenuta mhux biss armat il-hanut ta' Putirjal u bdiet

timmanifattura l-helu minnu izda zviluppat ukoll iz-zewg fondi l-ohra u addebithom ghall-istess generu. Da parti tieghu l-attur espanda n-negozju gia gestit mill-fondi principali f'Triq Monsijur Vella b'hanut f'Marsalforn. Dan fil-fehma tal-Qorti juri b'mod inekwivokabbli li l-partijiet bil-kuntratt fuq citat riedu u effettivament qasmu bejniethom ukoll in-negozju li kien qabel gestit bejniethom liema negozju kien jikkonsisti biss u esklussivament minn negozju ta' dolcerija.

Illi fil-kuntest ta' dak li ntqal fuq il-Qorti mhix sejra tillikwida n-negozju ezistenti bejn il-kontendenti billi qeghdha tqisu li hu gia maqsum u mieghu l-makkinarju, vetturi u krediti kif ukoll d-debiti lejn terzi li jistghu jigu kkunsidrati bhala inerenti u formanti parti min-negozju ta' dolcerija gia ezistenti bejn il-partijiet. Dwar il-vetturi jidher li dawn ukoll gew divizi. Jibqa' ghalhekk biex tigi kkunsidrata l-ghamara ezistenti bejn il-partijiet li din il-Qorti fil-waqt li qeghdha taghmel taghha r-relazzjoni ta' l-abbli perit legali l-avukat Paul Guaci Maistre sakemm konsoni ma' din is-sentenza, fil-kuntest ta' l-ghamara gia ezistenti fid-dar matrimonjali u li baqghet fil-pusses tal-konvenut, anke minhabba t-trapass taz-zmien, qeghdha "arbitrio boni viri" tillikwida sehem il-konvenuta mill-istess ghamara fis-somma ta' elf lira Maltin (Lm1000) u ser tikkundanna lill-attur li jhallashom fi flus lill-konvenuta.

Mill-bqija:

1. ser takkorda u tippronunzja s-separazzjoni personali "a mensa et thoro" tal-kontendenti attribwibbli ghal tortijiet tat-tnejn izda l-aktar tar-ragel;

2. ser tichad it-talba rispettiva tal-partijiet ghall-manteniment;

3. ser tadotta reciprokament bejn il-partijiet l-Artikolu 48 tal-Kap 16;

4. ser taghti, wara li qieset l-ahjar interess ta' l-ulied komuni kif irrizulta mill-provi in atti, il-kura u l-kustodja taghhom lill-konvenuta b'dan li tirriserva favur l-

attur d-dritt ta' access jekk hekk ikun joghgobhom l-ulied stante l-eta taghhom illum;

5. ser tiddikjara finalment xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet.

Ghalhekk tiddisponi mill-kawza billi:

- filwaqt li tilqa' l-ewwel talba kontenuta fic-citazzjoni ta' l-attur u l-att rikonvenzjonali tal-konvenuta billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti kawza tortijiet attribwibbli lit-tnejn izda l-aktar ta' l-attur;

- tiddikjara relattivament it-tieni talba fic-citazzjoni ta' l-attur u t-tielet talba fl-att rikonvenzjonali tal-konvenuta applikabbli reciprokament bejniethom l-konsegwenzi previsti fl-Artikolu 48 tal-Kap 16.

- Tichad fuq l-iskorta ta' dak fuq intqal it-tielet talba ta' l-attur b'dan li tiddikjara pero' li l-uniku assi ppossedut in komun bejn il-kontendenti hi l-ghamara gia ezistenti fid-dar matrimonjali li baqghet fil-pussess ta' l-attur u li l-Qorti "arbitrio boni viri" illikwidat sehem il-konvenuta fis-somma ta' elf lira Maltin (Lm1000) li tikkundanna lill-attur li jhallas fil-waqt li hu jibqa' jzomm l-ghamara;

- Tichad ir-raba, l-hames u s-sitt talba ta' l-attur;

- Dwar is-seba' talba ta' l-attur li hi t-tieni talba fl-att rikonvenzjonali tal-konvenuta tordna li l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri jibqghu fil-kustodja u fdati f'idejn il-konvenuta b'riserva ghad-dritt ta' access lill-attur kif joghgobhom l-ulied stante l-eta taghhom illum.

- Tichad it-tmien talba ta' l-attur.

Rigward l-ispejjez tal-kawza tordna li dawn ghandhom jithalsu bin-nofs bejn il-partijiet mentri dawk inkorsi quddiem il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja ghandhom jibqghu a karigu tal-parti li tkun inkorrithom.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------